**Rivista tal-lingwi Ewropej turi li l-attivitajiet relatati mat-teknoloġiji lingwistiċi Maltin jeħtieġu appoġġ koordinat mill-partijiet interessati.**

Illum il-Kunsill Ewropew jiċċelebra l-Jum Ewropew tal-Lingwi (*European Day of Languages*), filwaqt li jħeġġeġ liċ-ċittadini tas-47 stat membru biex jiċċelebraw id-diversità lingwistika tagħhom. L-Università ta' Malta, bħala parti mill-inizjattiva META-NET, qiegħda tfakkar l-okkażjoni billi tniedi numru ta' *whitepapers* li jagħtu ħarsa lejn l-istat soċjali, ekonomiku u teknoloġiku ta' 30 lingwa Ewropea, inkluż il-Malti, fl-Ewropa tal-lum.

Permezz tal-Jum Ewropew tal-Lingwi, il-Kunsill Ewropew mhux biss qiegħed jisħaq fuq l-importanza tal-lingwi fis-soċjetà tagħna, li kulma jmur qed issir iżjed multilingwi, imma wkoll qed jenfasizza fuq il-valur ekonomiku li jġib miegħu il-multilingwiżmu, ngħidu aħna permezz ta' iżjed ċaqliq fost il-ħaddiema.

Il-*whitepapers* tal-META-NET juru kif fl-Ewropa tal-lum it-teknoloġija għandha rwol integrali biex tgħin u tiżviluppa l-multilingwiżmu, kemm fil-ħajja ta' kuljum, kif ukoll biex tgħin u tħaffef it-tagħlim tal-lingwi.

Il-*whitepaper* fuq il-Malti tisħaq fuq ir-rwol tal-lingwa fis-soċjetà, fl-edukazzjoni u fil-midja. Tirrimarka wkoll li l-istat tat-Teknoloġija Lingwistika Maltija huwa xi ftit paradossali. Minn banda, hemm sforzi sinifikanti li saru minn grupp żgħir ta' nies li għandhom il-ħiliet meħtieġa sabiex jaħdmu fuq medda wiesgħa ta' attivitajiet relatati mat-teknoloġija lingwistika (LT) biex itejbu l-kwalità u mill-banda l-oħra, dawn l-isforzi mhumiex koordinati, ristretti fiż-żmien u frammentati. Għaldaqstant l-iżvilupp qed iseħħ bil-mod ħafna. Ir-raġuni ewlenija hi li l-investiment fit-teknoloġija tal-lingwa jibqa' x'aktarx baxx. L-awturi jenfasizzaw li l-koordinazzjoni ta' ħidma kontinwa u mmexxija tajjeb hi l-uniku mod ta' kif il-benefiċċji tat-teknoloġija lingwistika għall-Malti jistgħu jsiru fi żmien raġonevoli għax, anke f'pajjiż żgħir bħal Malta, ix-xogħol jeħtieġ li jitqassam bejn diversi partijiet interessati.

Fl-Università ta' Malta, id-Dipartiment tas-Sistemi Intelliġenti tal-Kompjuter *(ICS)* f'kollaborazzjoni mal-Istitut tal-Lingwistika ħolqu diversi riżorsi fi proġetti relatati mat-teknoloġija lingwistika. Bħala membru tal-METANET4U fil-META-NET, l-Università ta' Malta hi l-fergħa Maltija f'netwerk pan-Ewropew ta' eċċellenza li l-għan tiegħu hu li jrawwem il-pedamenti ta' soċjetà informatika multilingwi Ewropea.

Is-serje tal-META-NET *Language Whitepaper* issibha hawn: http://www.meta-net.eu/whitepapers

###

Għal aktar tagħrif tista' tikkuntattja lis-Sur Mike Rosner: +356 2340 2542 jew mike.rosner@um.edu.mt, jew tidħol fis-sit: http://www.meta-net.eu